MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 181/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fl-14 ta’ Dicembru 2006, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed D li twieled fil-11 ta’ Mejju 2008.

Illi l-intimat rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta’ adulterju, vjolenza, mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi b’mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta

inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

Illi b'digriet moghti fis-6 ta' April 2009, il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, awtorizzat lill-esponenti sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza, mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat;

Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-esponenti ommu.

Tordna lill-intimat jissoministra manteniment lill-esponenti, ghalija u ghall-minuri D u dan f'dik is-somma stabbilita minn din l-Onor. Qorti; u tordna li l-intimat ghandu jhallas tali manteniment b'effett mit-twelid tal-minuri D.

Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti;

Tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

Tordna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-esponenti, l-oggetti kollha parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu.

Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha "E G" u tordna li kopja tas-sentenza eventwali tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li C B, ghalkemm debitament notifikat, ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010, fejn dahal personalment C B li ddikjara li huwa ma kellux intenzjoni li jinkariga avukat.

Rat id-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat li, ghalkemm debitament akkordat il-fakulta’ biex iressaq nota ta’ sottomissjonijiet, l-intimat naqas li jaghmel dan.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta illi r-rikorrenti qed titlob il-firda minn ma zewgha, ragel ta’ nazzjonalita’ Torka li mieghu ltaqghet permezz tal-internet. Il-partijiet izzewgu f’Dicembru tal-2006 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, D, fil-11 ta’ Mejju 2008. Infirdu qabel ma twieled binhom.

L-attrici f’din il-kawza ressqet provi estensivi. Xehedu permezz ta’ affidavit hija stess, *ommissis (isem u konjom), ommissis (isem u konjom), ommissis (isem u konjom), ommissis (isem u konjom), ommissis (isem u konjom)* u *ommissis (isem u konjom)*. Xehedu ukoll rapprezentanti tal-awtoritajiet tac-Cittadinanza u tax-Xoghol u Tahrig.

<u>Responsabilita’ ghall-firda</u>

Ir-rikorrenti rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li l-htija ghall-firda taqa’ kollha fuq spallejn C B. Hemm provi bizzejjed li juru li dan qatt ma hadem biex jghin fil-bzonnijiet tal-familja. Anzi, ghex dejjem minn fuq dar martu. Kien infidil lejha. Fil-fatt ghadu f’relazzjoni ma’ persuna li bid-dikjarazzjonijiet taghha u tal-familja taghha qed jaghmlu tajjeb ghalih mal-awtoritajiet f’Malta. Minn meta mbaghad twieled ibnu, huwa beda ukoll jhedded.

Dan it-theddid ha diversi forom, kemm ta' hsara fizika lill-martu kif ukoll beda jhedded li jahrab b'ibnu. Din il-Qorti tqis din it-theddida tal-ahhar bhala ta' mohqrija psikologika esterna.

Kura u Kustodja tal-minuri

Il-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni biex tikkonferma li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata kollha kemm hi f'idejn l-omm. Il-missier wera bl-imgieba tieghu li m'ghandux jigi fdat b'din ir-responsabilita' tat-trobbija tal-minuri. L-agir estrem tieghu meta ffaccat b'sitwazzjoni difficli jeskludi ukoll il-possibilita' li jgawdi lil ibnu wahdu. Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma, anke ghaliex l-interess fil-minuri deher li qed jonqos, li l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri darba fil-gimgha ghal siegha kull darba dejjem fil-prezenza tal-omm u dejjem f'post ghazla tal-istess omm.

Il-Qorti qed tistabbilixxi minn issa li jekk il-missier ma jattendix ghall-access kif miftiehem ghal tlett darbiet konsekuttivi minghajr raguni valida, ghandu jitqies li rrinunzja ghad-dritt li jiltaqa' ma' ibnu. Waqt l-access m'ghandu qatt ikun hemm ebda terza persuna.

Manteniment

L-omm irnexxielha tipprova li l-missier ghandu bizzejjed mezzi biex jghin finanzjarjament fit-trobbija tal-minuri. Anzi, ddikjara dan pubblikament permezz tas-siehba l-gdida tieghu fit-talba tieghu li jibqa' jghix f'Malta (ara dikjarazzjoni a fol. 132 tal-process). Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis li hu ghandu jghaddi l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat ghall-minuri. Dan l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja. Huwa ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez medici u edukattivi, inkluzi dawk extra kurrikulari, tal-minuri.

Komunjoni tal-Akkwisti

Il-partijiet ma akkwistaw xejn tul iz-zwieg ghajr karozza li d-depozitu fuqha, cioe' seba' mitt Ewro (€700) thallsu minn flus parafernali tal-mara. Galadarba din il-karozza

nbieghet, l-ammont ta’ seba’ mitt Ewro (€700) ghandu jigi rifuz lill-mara, filwaqt li jekk ghadu pendente xi dejn fuqha, dan ghandu jithallas mir-ragel. Jirrizulta ukoll li l-attrici nefqet, tul iz-zwieg, ammont ta’ erbat elef Liri Maltin (Lm4000) li kienu flus parafernali taghha ghax gejjin minn wirt. Galadarba dawn il-flus intefqu ghall-bzonnijiet tal-familja, obbligu dan li jinkombi fuq iz-zewg partijiet, l-attrici ghandha kreditu ta’ nofs dan l-ammont. Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-konvenut ghandu jirrifondi lil martu s-somma ta’ hamest elef, tlett mija u disgha u hamsin Ewro (€5,359).

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet u dan ghal tortijiet imputabbli lir-ragel.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-omm bid-dritt ta’ access mill-missier bil-modalitajiet kif imfissra fil-korp tas-sentenza.

3. Tordna li r-ragel ghandu jghaddi lill-mara, ghall-minuri, is-somma ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ gimghat, flimkien ma’ nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni, inkluz attivitajiet extra kurrikulari. Din is-somma ghandha tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b’dana illi r-ragel ghandu jirrifondi lil mara s-somma ta’ hamest elef, tlett mija u disgha u hamsin Ewro (€5,359), rapprezentanti ammonti ta’ flus parafernali taghha.

5. Tilqa’ l-hames talba.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba minhabba nuqqas ta’ prova.

7. Tilqa’ s-seba’ talba u tawtorizza lill-attrici tirreverti ghall-kunjom xbubitha “E G”.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn C B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------